Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, il-31 ta' Lulju 2023

**Pulizija**

**Vs**

**Pier (Pier Paul) Buttigieg**
**(195874M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra **Pier (Pier Paul) Buttigieg**, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 195874M.

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Frar, 2020 u s-16 ta' Frar 2020, ghall-habta ta' bejn l-ghaxra u nofs ta' filghaxija u d-disgha ta' filghodu fi Triq il-Koncissjoni, Zurrieq ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni LDE484, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-detriment ta' Mario Grixti;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura msemmija tal-ghamla Maruti 800 liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Mario Grixti;

3. Fl-istess data u hin minn *Lourdes Service Station,* fi Triq il-Mina ta' Hompesch, Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn go kaxxa tal-pompa tal-car wash, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-detriment ta' Michael Buhagiar;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq kaxxa tal-pompa tal-*car wash*, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2500) izda huwa izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Michael Buhagiar;

5. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet pprezentati mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi nhar it-30 ta' Dicembru 2020, xehed l-Ispettur Darren Buhagiar[1], fejn qal li fil-bidu ta' Ottubru 2020, kien gie infurmat mis-Supretendent Micallef u l-iSpettur Melvin Zammitt sabiex jinvestiga kaz fejn kienet gja saret tfittxija go dar, u dan peress li kien joqghod fiha Pier (Pier Paul) Buttigieg, u li kien hemm suspett li seta' kien involut fis-serq ta' karozza miz-Zurrieq. Meta saret tfittxija l-imputat ma' kienx fir-residenza imma kien hemm Matthew Migneco u Marisa Osthus. Fl-14 ta' Dicembru 2020, ix-xhud kien kellem lil Pier Buttigieg, gewwa l-ghassa ta' Haz-Zabbar, fejn kien iffirma r-rinunzja ghall-jedd ghal parir legali,[2] u rrilaxxa l-istqarrija,[3] fejn gharaf il-firem tieghu, ta' l-imputat, tal-iSpettur Melvin Zammit u PC 1091 Wayne Cutajar. B'referenza ghas-serqiet tal-karozza u kaxxa tal-flus minn gewwa *car wash*, Pier Buttigieg, qal illi ma ftakar xejn u ma kellux idea li ghamel dawn ir-rejati, minkejja li kien ittiehed fuq il-post. L-imputat qal illi kellu problema tad-droga u l-memorja tieghu ma kinitx tajba. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat gie muri tnax ir-ritratt mmarkati bhala Dok DB4[4], fejn l-imputat qal illi l-persuna tixbhu imma ma kienx hu, u meta gie muri l-filmat tac-CCTV ta' Lourdes Service Station mmarkat Dok DB3[5] qal illi mill-filmat jidher li kien hu. Il-hwejjeg li kien jidher li kien liebes fil-filmat, bhal barnuza b'xi marka u hwejjeg skuri, u gakketta partikolari b'xi logo, kienu nstabu meta saret it-tfittxija

[1] Fol. 46
[2] Fol. 33 mmarkat bhala Dok DB1
[3] Fol. 34 mmarkat bhala Dok DB2
[4] Fol. 38
[5] Fol. 37

gewwa ir-residenza fiz-Zurrieq, fejn dakinhar kienet instabet ukoll xi ghodda.

Illi xehed PS1083 David Ellul, fejn qal li kien ha r-rapport inizjali, fis-16 ta' Frar 2020, li kien qieghed jipprezenta u mmarkat bhala Dok DE1[6], fejn kien iffirma sa fejn kien involut hu. Ix-xhud kompla jghid li wara kollegi tieghu kienu marru fl-akwati taz-Zurrieq, fejn il-karozza kienet instabet f'Bubaqra, Zurrieq.

Illi xehdet WPS 331 Martina Marie Borg, fejn qalet li fis-16 ta' Frar 2020, ghal habta tad-9.15 am kienu rcevew telefonata minn Michael Buhagiar, li kien is-sid ta' Lourdes Service Station, li tinstab fi Triq il-Mina ta' Hompesch Zabbar, fejn qalilhom li xi hadd kien seraq kaxxa tal-flus mill-car wash. Sa dak il-hin ma' kienx ghadu jaf l-ammont li nsteraq, u kien ser jiccekkja l-cameras tal-pompa. Fit-3 ta' Marzu 2020, Michael Buhagiar kien ghadda l-istima ta' l-ammont, u qal illi kellu l-prova fuq CCTV camera. L-involviment tax-xhud kien li dahhlet r-rapport fis-sistema li gie mmarkat bhala Dok MMB1[7].

Illi fl-14 ta' Jannar 2021, xehed Stephen Cachia, rapprezentant tal-Awtorita dwar it-Trasport Malta, fejn qal li kien ghamel ricerka fuq il-vettura bin-numru LDE484, li kien qieghed jipprezenta, fejn gie mmarkat bhala Dok PP1[8], fejn irrizulta ill l-vettura hija hamra u tal-ghamla Maruti 800. Il-vettura kienet registrata fuq Mario Grixti sa mit-18 ta' Marzu 2019.

Illi xehed ukoll Mario Grixti fejn qal illi waqt illi kien rieqed bil-lejl, jidhirlu fis-16 ta' Frar 2020, kienet insterqitlu l-karozza Maruti ta' kulur maroon jaghti fil-vjola, minn Triq il-Konncizzjoni, Zurrieq. Il-karozza kienet instabet lejn Bubaqra, Zurrieq, l-ghada mill-Pulizija. Meta instabet kellha l-isteering 'grinded' bic-chaser u s-serratura illivata. Hu kellu stima tal-hsarat tas-serratura li kien gie xi €45, ghax l-isteering ma' kienx sewwieh. Ix-xhud ipprezenta l-istima li giet immarkata bhala Dok MG1[9]. Ix-xhud ipprezenta ukoll Dok MG2[10] li hija citazzjoni li harget fuq ismu waqt illi kien rieqed, datata 16 ta' Frar 2020 fit-3.30am. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi ma jafx lill-imputat, u lanqas ma kienx ta l-karozza tieghu lil xi hadd biex isuqha, u l-ahhar li kien ra l-karozza kien fid-9.00pm. Meta qamet is-siehba tieghu ghax-xoghol fis-6.00am, indunaw li l-karozza ma

[6] Fol. 39
[7] Fol. 44
[8] Fol. 54
[9] Fol. 60
[10] Fol. 61

kinitx hemm, u marru l-ghassa. Ic-cwievet hu jzommhom id-dar fuq il-mejda.

Illi xehed ukoll PC 1491 Kurt Attard, fejn qal li fit-3 ta' Marzu 2020 kien gie mitlub mill-iSpettur Alfredo Mangion sabiex jaccedi fil-fond numru 79, Triq il-Mithna, Zurrieq biex jigbed ritratti t'ghodda li setghu kienu relatati mas-serq. Hu kien ha 57 ritratt li pprezenta mar-rapport tieghu li giet mmarkat bhala Dok KA1[11].

Illi fil-25 ta' Marzu 2021 xehed l-iSpettur Melvin Zammit, fejn qal li beda jinvestiga serqa ma' Darren Buhagiar fis-16 ta' Frar 2020, wara li kien mar l-ghassa Michael Buhagiar biex jaghmel rapport illi xi hadd seraqlu l-kaxxi tal-pompa tal-*carwash* bi flus kontanti, minn Lourdes Service Station, Zabbar. Mill-istharrig irrizulta li f'CCTV footage deher illi fil-5.00am tas-16 ta' Frar 2020, dahlet vettura Maruti 800 bin-numru LDE484, fejn dehret persuna maskili hierga, liebsa barnuza sewda u gakketta skura. Jidher li ntuzat ghodda li huwa grinder biex infethet il-kaxxa. Minn investigazzjoni gie stabbilit illi fis-16 ta' Frar 2020 kien mar Mario Grixti jaghmel rapport l-ghassa taz-Zurrieq li kienet insterqet il-vettura tieghu bin-numru LDE484, u li l-ahhar li kien ra l-vettura kien fil-15 ta' Frar 2020. L-imputat gie arrestat, fejn hu rrilaxxa stqarrija fl-14 ta' Dicembru 2020 fl-ufficju tal-iSpettur Darren Buhagiar fil-prezenza tieghu, fejn gie muri stills li ttiehdu mis-CCTV footage, u l-filmat ta' Lourdes Service Station, fejn l-imputat gharaf lilu nnifsu, izda ma ftakarx ghalfejn kien mar hemm. Qabel l-istqarrija l-imputat ittiehed iz-Zurrieq, fejn gie muri minn fejn kienet insterqet il-karozza LDE 484, li kienet instabet f'lok iehor gewwa z-Zurrieq vicin fejn l-imputat ghamel xi zmien joqghod, u ittiehed ukoll Lourdes Service Station fejn kienet saret is-serqa. L-iSpettur gharaf l-imputat fl-awla u pprezenta dokument immarkat bhala Dok AMG1, li hija vera kopja ta' sentenza fil-konfront tal-imputat.

Illi xehed PS 1227 Malcolm Pace, fejn qal li fis-16 ta' Frar 2020 fil-11.00am, kien mar l-ghassa taz-Zurrieq, Mario Grixti biex jirrapporta illi l-vettura tieghu Maruti 800 hamra, bin-numru LDE 484, li kellha valur ta' €500 kienet insterqet. Fil-vettura, li kellha faxxa sewda fuq il-bieba tal-passiggier, kien hemm xi dokumenti ta' Celine Cutajar li kienet taghmel uzu mill-vettura. Celine kienet ipparkjat il-vettura fi Triq il-Kuncizzjoni fil-15 ta' Frar 2020, fil-11.00pm u l-ghada fl-10.30am sabu l-karozza nieqsa. Ix-xhud kompla jghid illi kien qed jkollhom hafna rapporti ta' serq ta'

[11] Fol. 63

karozzi gewwa z-Zurrieq, u dawn jintuzaw biex ssir xi reat u jinstabu ipparkjati x'imkien iehor. Fil-fatt x-xhud kien sab il-karozza fi Triq l-Imdawra, gewwa z-Zurrieq, u din kienet miftuha u dehret mqallba u bid-dashboard maqlugh. Mario Grixti u Celine Cutajar ikkonfermaw illi kienet il-vettura taghhom u li ma kinitx f'dan l-istat meta ipparkjawha. Fuq il-post kienu marru tas-SOCO, PC1111 u WPC424 li komplew bl-istharrig taghhom, u fuq is-seat ta' wara kien hemm katnazz ta' l-ghamla Abus li kien jidher maqtugh, u li kellu ittra B fuqu. Ix-xhud ipprezenta ritratt tal-katnazz li gie mmarkat bhala Dok MP1, instab ukoll cutting disc tal-grinder taht is-seat tax-xufier, u x-xhud ipprezenta xi uhud mid-discs li kienu jinsabu fil-karozza li gew mmarkati bhala Dok MP2. Gie nnutat li kien hemm hsarat ma' l-ignition, u kellhom jaghmlu *hot wire wiring* biex tistartja l-vettura. Hu kien gie infurmat illi kien hemm rapport ta' serq minn Lourdes Service Station gewwa Zabbar, u hu kien ghamel kuntatt mas-sid, Michael Buhagiar, u saqsieh jekk kellux katnazz tat-tip li nstab fil-vettura. Hu wiegbu illi minn kien serqu kien qatghalu l-katnazz li kien ta' l-ghamla Abus u kellhu ittra fuqu. Buhagiar qal illi kienu insterqu €1,138 f'muniti, u zewg trays ta' stainless steel li kellhom xi flus, u qallu li kellu filmat. Jumejn wara Michael Buhagiar kien hadlu kopja l-ghassa, li x-xhud ipprezenta u gie mmarkat bhala Dok MP3. Ix-xhud ghaddieh lill-forensika u hargu 5 stills immarkati bhala Dok MP4 minnu, illi fihom dehret persuna li harget mill-Maruti bin-numru LDE-484 u wzat grinder biex taqta' katnazz. Ix-xhud qal li kien ra xi filmat ta' resident ta' l-inhawi, fejn dehret persuna hierga mill-vettura u nizla l-isfel, u xi girien kienu qalulu illi kien hemm nies suspettuzi jghixu fid-dar bin-numru 79, Triq il-Mithna, Zurrieq. Ix-xhud kien tkellem mal-iSpettur Alfredo Mangion, li kien qallu li f'xi serqa gewwa Hal-Qormi kien iddentifika lil Pier Buttigieg, u li dan kien qieghed jirrisjedi 79, Triq il-Mithna, Zurrieq. Ix-xhud kien mar ihabbat il-bieb, u fetahlu Matthew Migneco, li qallu li Pier ma' kienx ghadu jghix hemm, ghax kellu xi problemi, izda kien imur biex jaghmillu xi xoghol god-dar. Mill-bieb innota xi affaraijiet taht it-tarag, u Migneco qallu li dawk kienu ta' Pier Buttigieg, u hu gharaf il-gakketta bl-emblema fuq in-naha tax-xellug, u l-beritta li kien elevahom u pprezenthom u gew immarkati Dok MP5, u li jidhru fir-ritratti tal-istills. Kien hemm ukoll zewg basktijiet bl-ghodda immarkati bhala Dok MP6, u barmil abjad li kellu l-ghodda fih u grinder mmarkat bhala Dok MP8, li kienu jaqblu mad-diski li kien ezebixxa bhala Dok MP2. Kien hemm persuna ohra tghix fid-dar, Marisa Osthus li kienet fl-ewwel sular, u hu infurmahom li kienu t-tnejn taht arrest, fejn inghataw id-drittijiet taghhom. Saret tfittxija fejn instabet diska ohra li taqbel mal-grinder fil-

kamra tas-sodda, mmarkat Dok MP7, kif ukoll stereo tal-ghamla Kenwood. Dawn gew fotografati minn PC1491 tas-SOCO u elevati, u skond Migneco kienu jappartjenu lil Pier Buttigieg. Migneco u Osthus ittiehdu l-ghassa ta' Hal-Qormi fejn ittihditilhom l-istqarrija mill-iSpettur Alfredo Mangion. Hu kien qieghed jipprezenta rapport mmarkat bhala Dok MP9 , fejn PC1058 kien ghamel l-ewwel parti tar-rapport, u hu kien ghamel minn pagna 4 'il quddiem, fejn f'pagna 5, fl-ewwel paragrafu fejn hemm indikat warrant of arrest fuq Pier Mangion, din trid tinqara Pier Buttigieg u d-data trid tinqara 3 ta' Marzu 2020 flok 3 ta' Marzu 2019. Ix-xhud kompla jghid, li Mario Grixti kien infurmah ftit wara illi kien ircieva ticket minn speed camera fi Triq il-Barrani, ftit wara s-serqa. Ix-xhud kompla jghid illi fil-31 ta' Marzu 2020, fl-10.30am kien mas-Supretendent Josric Mifsud u nnotaw lil Migneco u Osthus u persuna ohra gewwa vettura KBO616 li tappartjeni lil Migneco, u x-xhud ezebixxa ritratt tal-karozza u l-bieb tad-dar immarkat bhala Dok MP10. Huma segwewhom izda ma lahquhomx, u marru vicin tar-residenza u habtu mal-bieb u fethilhom Migneco. Is-Supretendent innota lil Pier Buttigieg, fuq it-terrazin li deher illi kien ser jahrab, fejn is-Supretendent talbu jieqaf u l-imputat nizel isfel, fejn gie arrestat u nghata d-drittijiet tieghu. Kienu marru ukoll jassistuhom l-iSpetturi Fabian Fleri u Lydon Zammit. Ix-xhud ipprezenta rapport iehor mhejji minnu mmarkat Dok 11 fejn ser jittiehdu ukoll passi fil-konfront ta' Marisa Osthus u Matthew Migneco.

Illi xehdet Marisa Osthus, li ghazlet li ma' tixhidx peress illi ser jittiehdu passi fil-konfront taghha.

Illi xehed PS 1593 Alfred Cachia fejn qal illi fis-16 ta' Frar 2020 kien stazzjonat l-ghassa ta' Haz-Zabbar, fejn kien mar jirrapporta Michael Buhagiar li huwa wiehed mis-sidien ta' Lourdes Service Station, fejn irrapporta illi matul il-lejl kienet giet sgassata il-magna fejn jintefghu l-flus ghal *car wash,* u hu kien hejja r-rapport. Wara, Michael kien hadlu stima tal-hsarat, l-ammont ta' flus li nsteraq kif ukoll CD tas-CCTV cameras li hemm fil-pompa.

Illi fid-29 ta' April 2021, xehed is-Supretendent Josric Mifsud fejn qal illi fil-31 ta' Marzu 2020, kienet dahlet informazzjoni li Pier Buttigieg kien intlemah go vettura Peugeot bin-numru KBO 616, flimkien ma' Matthew Migneco. Il-karozza instabet barra r-residenza ta' Migneco, u peress illi kien hemm mandat biex jigi arrestat, il-Pulizija marru habbtu id-dar li kienet mithna. Ix-xhud qal illi hu qaghad fil-genb tat-triq u nnota lill-imputat li gharaf fl-awla, fuq il-bejt tar-residenza u li kien sejjer fid-

direzzjoni l-barra mill-post. Hu tah ordni biex jerga' jidhol, ghax riedu jkellmuh u l-imputat obda u dahal 'il gewwa. Il-Pulizija dahlu w arrestawh, u Migneco qalilhom li kien hemm xi ghodda, grinder u chains li kienu ta' Buttigieg u wriehom fejn kienu.

Illi xehdet Maria Dolores Fenech, Assistent Registratur li pprezentat sentenza fil-konfront tal-imputat mmarkata bhala Dok MDF1 u kkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva.[12]

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

*'1. The contrectatio of the thing;*
*2. Belonging to others;*
*3. Made fraudulently;*
*4. Without the consent of the owner;*
*5. Animo lucrandi.'*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza '**Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit'**[13] fejn gie kkunsidrat illi:

*'Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

[12] *La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

**Ikkunsidrat**

Illi mis-CCTV footage li ttiehed minn Lourdes Service Station, u mir-ritratti, tidher persuna li nizlet mill-karozza li kienet ghadha kemm giet misruqa, fejn l-persuna dehret tuza ghodda sabiex tiftah kaxxa tal-flus li kienet tintuza ghal car wash. Mill-istharrig li sar fuq il-vettura misruqa u meta saret tfittxija fuq il-post fejn kien qieghed jirisjedi l-imputat ma' terzi, instabu diversi ghodda kif ukoll hwejjeg li kien liebes il-persuna li jidher fir-ritratti u s-CCTV footage. L-imputat ukoll stqarr li qed jaghraf lilu nnifsu mill-video, izda ma' kienx jaf ghalfejn kien mar fil-post.

Illi l-Qorti wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, semghat ix-xhieda u rat il-provi mressqa, hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 289 u 325(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed ssib lill-imputat Pier Paul Buttigieg hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **erbgha u ghoxrin (24) xahar** prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat